**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-26 ta' Frar 2021**

**Rik. Gur. Nru: 281/2019 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**DD kif korrett permezz tad-digriet datat 28 ta' Jannar 2021.**

**Vs**

1. **FC**
2. **NC**
3. **Dr Josette Sultana u PL Daniel Aquilina, li b'digriet datat 24 ta' Gunju 2020 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw l-interess tal-minuri RDC u**
4. **Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' DD, datat 19 ta' Dicembru 2019, a fol 1 jaqra hekk:

1. *Illi min relazzjoni li huwa kellu ma FC twieldet il-minuri RDC nhar X;*

2. *Illi fis-sena 2009, l-imsemmija FC kienet sseparata de facto minn mar-ragel taghha NC izda kienet ghada legalment mizzewga mieghu. Illi ghalhekk meta*

*twieldet l-imsemmija minuri, skattat fis-sehh il-presunzjoni legali li l-wild imnissla matul iz-zwieg hija bint il-konjugi (Ara certifikat tat-twelid u certifikat taz-zwieg hawn annessi u mmarkati bhala Dok A u B rispettivament);*

3. *Illi l-esponenti minn dejjem ha hsieb lill-istess minuri, liema minuri tirrikonixxi lill-istess bhala missierha naturali. Illi filfatt kif ser jirrizulta mis-smiegh u l-eventwali trattazjoni tal-kawza, l-missier naturali tal-minuri RDC huwa l-esponenti. Illi tant dan huwa minnu li l-isem tal-minuri jinkludi wkoll l-kunjom tal-esponenti;*

4. *Illi filfatt testijiet genetici kkonfermaw li l-minuri hija l-wild naturali tal-esponenti (ara testijiet tad-DNA hawn annessi u mmarkati bhala Dok C);*

5. *Illi l-imsemmija konvenuta sseparat minn ma zewġha permess ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 27 ta' Marzu, 2018 in atti Nutar Dottor Brenda Jane Camilleri fejn propju ġie wkoll iddikjarat li hija ilha sseparata de facto minn ma zewgha sa mis-sena elfejn u sitta (2006) (ara kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala Dok D);*

6. *Illi permezz ta' digriet datat 22 ta' Novembru, 2019 l-esponenti gie awtorizzat sabiex jintavola dawn il-proceduri a tenur tal-artikolu 77A tal-Kodici Civili (ara kopja legali tad-digriet hawn anness u mmarkat bhala Dok E);*

7. *Illi l-fatti hawn dikjarati jafhom hu personalment;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob umilment lill-din l-Onorabbli Qorti tordna illi:*

(1) *Tiddikjara li l-esponenti huwa l-missier naturali tal-minuri RDC u mhux NC u dan ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi ai termini tal-artikolu 77A tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

(2) *Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet necessarji fic-Certifikat tat-Twelid tal-minuri RDC (Dok A) billi fil-kolonni fejn hemm indikati il-konnotati relattivi ghal missier il-minuri,*

*tikkancella d-dettalji kollha ta' NC u tissostitwihom bil-konnotati ta' DD u dan billi:*

a. *Fil-kolonna fejn hemm imnizzel l-isem u l-kunjom ta' missier it-tarbija, l-isem jinbidel minn NC ghal DD;*

b. *Fil-kolonna fejn hemm imnizzel id-dokument tal-identita' ta' missier it-tarbija, in-numru jinbidel ghal X;*

c. *Fil-kolonna fejn hemm imnizzla l-eta ta' missier it-tarbija, dan jinbidel ghall X sena;*

d. *Fil-kolonna fejn hemm imnizzel ir-residenza ta' missier it-tarbija, il-post jinbidel minn Y;*

e. *Fil-kolonna fejn hemm imnizzel isem il-missier ta' missier it-tarbija l-isem jinbidel minn ghal MD, illum il-gurnata defunt izda kien haj meta twieldet il-minuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 22 ta' Gunju 2020, a fol 32 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti jissottometti, fil-mertu u b'referenza partikolari għall-paternita' in kwistjoni tal-minuri RDC, illi huwa mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati mill-attur fir-rikors ġuramentat u għaldaqstant jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

2. *Illi stante li din hija kawża ta' rikonoxximent ta' paternita' li qiegħda tiġi msejsa ai termini tal-**Artikolu 77A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, huwa ċar illi sabiex tirnexxi l-kawża istanti, ir-rikorrent irid ai termini tal-istess artikolu, jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri RDC, il-konvenuta FC kienet wettqet adulterju mal-attur DD u di piu' jrid jipprova ukoll xi fatt ieħor li jistgħu ikunu testijiet ġenetiċi li jeskludu lil NC bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri RDC;*

3. *Illi mid-dokumenti annessi, jidher illi diġa' sar test tad-DNA, li jikkonferma li l-attur huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri. Għal tali test, l-esponent ma jsib l-ebda oġġezzjoni, salv pero' illi dan it-test għandu jkun maħluf minn Dr. Marisa Cassar;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għal premess u stante li l-minuri għandha kważi ħdax-il sena, għandha ukoll tiġi megħluba l-presunzjoni legali maħluqa ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċentament għal din l-Onorabbli Qorti jiġi ppruvat li l-pussess ta' stat tal-minuri RDC ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha;*

5. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, l-esponent ħa konjizzjoni tad-dettalji kollha tal-attur DD sabiex f'tali każ d-dettalji ta' NC li jinsabu inseriti fl-Att tat-Twelid tal-minuri RDC, jiġu sostitwiti b'dawk tal-attur. Madankollu, bla ħsara għall-premess, huwa neċessarju wkoll illi l-attur jiddikjara liema kien il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet il-minuri;*

6. *Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri;*

7. *Illi subordinatament, dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, huwa importanti li l-kelmiet '<u>the said</u>' li jinsabu qabel isem NC, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni W;*

8. *Illi finalment u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponenti u għalhekk huwa m'għandhux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

9. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati datata 10 ta' Lulju 2020, a fol 41, li taqra hekk:

1. *Illi f'dan l-istadju ma' hijiex edotta mill-fatti u ghalhekk tirriserva li tipprezenta risposta ulterjuri fi stadju ulterjuri jekk ikun il-kaz;*

2. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi l-intimat NC, debitament notifikat fl-24 ta' Jannar 2020, ma ppresenta l-ebda risposta u baqa ma dehrex. Ghalhekk huwa kontumaci. (Vide dorso fol 23 u verbal datat 4 ta' Dicembru 2020);

Rat id-digriet taghha datat 28 ta' Jannar 2021, li permezz tieghu isem l-attur DD ghandu jinqara DD; (vide 53 et seqq);

Rat in-Nota tal-attur datata 21 ta' Jannar 2021, li permezz taghha iddikjara ix-xewqa tieghu ta' kunjom il-minuri u cioe' dak li jkun jaqra RDD, li mhix oggezzjonata mill-kontro-partijiet;

Rat in-Nota tal-Kuratur Deputat datata 11 ta' Frar 2021, li permezz taghha iddikjarat li ma ghandhiex aktar provi x'tipproduci u stiednet lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**Ir-rikorrenti DD xehed permezz ta'affidavit**[1] fejn iddikjara illi huwa iltaqgha mal-intimata FC fis-sena 2003/2004, meta kienet ghada mizzewga u illi bdew relazzjoni ftit wara. Isostni li bdew jghixu flimkien madwar sentejn qabel ma twieldet it-tifla. Jirrileva illi dak iz-zmien ir-ragel tal-intimata kien telghaq mid-dar u kienu diga' bdew jghixu hajja separata. Izid illi huma kienu marru jghixu B u kienu krew flat u minn dak iz-zmien l-hawn hu u l-intimata dejjem baqghu f'relazzjoni flimkien. Fis- 17 ta' Mejju 2009, twieldet il-minuri. Jixhed illi hu dejjem ha hsieb lill-minuri u dan minkejja li mhux registrata f'ismu habba li l-intimata kienet ghadha legalment separata.

Jispjega illi t-tifla dejjem irrikonoxxiet lilu bhala missier u tghajjatlu papa u hu dejjem mantniha. Meta l-intimata marret biex tirregistra t-twelid taghha, kienet taghta kunjomu bhala parti minn isimha. Izid illi jixtieq li jigi certifikat bhala missier il-minuri, halli l-Istat u l-atti kollu juru li huwa missier il-minuri. Isostni li sabiex jigu evitati kwalunkwe dubju, hu u l-intimata kienu ddecidew li jmorru jaghmlu DNA test u filfatt irrizulta li huwa missier il-minuri.

**L-intimata FC xehdet permezz ta'affidavit**[2] fejn iddikjarat illi hija omm il-minuri li twieldet fis- 17 ta' Mejju 2009 u li hija iltaqghat mar-rikorrenti fis-sena 2003/2004. Tispjega li dak iz-zmien kienet ghadha mizzewga mar-ragel taghha, NC. Izzid illi fis-sena 2006, hi u l-intimat NC kienu ddecidew li jisseparaw u l-intimat NC mar jghix gewwa d-dar ta' missieru M u minn dak iz-zmien l'hawn hi u l-intimat NC qatt ma ghexu aktar flimkien jew kellhom relazzjonijiet flimkien u li baqghu jiltaqghu biss biex NC jara lill-binhom MRC. Meta twieldet il-minuri RDC, tispjega illi NC kien jaf li l-minuri ma kienitx it-tifla tieghu u filfatt dak iz-zmien hi u r-rikorrenti kienu ilhom jghixu flimkien diga' sentejn u ghadhom f'relazzjoni sal-lum il-gurnata.

Tirrileva illi l-intimat NC qatt ma rrikonoxxa lill-minuri bhala bintu u filfatt il-minuri dejjem irrikonoxxiet lir-rikorrenti bhala missierha. Meta marret tirregistra lill-istess minuri, ghazlet li taghtiha l-kunjom D bhala parti mill-isem tal-minuri. Tiddikjara illi hija sseparat legalment minn mal-intimat NC fis-sena 2018 u fil-kuntratt hemm iddikjarat illi kienu ilhom separati *de facto*

[1] Vide fol 37.
[2] Vide fol 38.

mis-sena 2006.

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimat NC gie debitament notifikat fl- 24 ta'Jannar 2020 huwa baqgha kontumaci f'dawn il-proceduri. Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> "... ***huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;"

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija kawza maghmula ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodici Civili, ai termini ta' liema:

> ***Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa lġenitur naturali ta' wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled il-wild, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi li wiled, il-konjuġi l-ieħor u l-wild, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxielu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild, il-konjuġi li wiled kien wettaq adulterju miegħu, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lill-konjuġi l-ieħor bħala l-ġenitur naturali tal-wild.***

L-Artikolu 81 li ghalih jaghmel referenza l-artikolu appena citat, jipprovdi illi:

***(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.***

***(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.***

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-Artikolu 80 tal-Kodici Civili, skont liema:

***(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.***

***(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:***

***(a)illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;***

***(b)illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f'dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;***

***(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;***

***(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja."***

Fir-rigward tal-Artikolu 81 hawn fuq citat, fis-sentenza fl-ismijiet ***Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et noe***, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Mejju 1996 intqal illi:

***Iktar ma jghaddi z-zmien aktar qed taqbad l-gheruq il-fehma li rrealtajiet biologici socjali ghadhom jipprevalu fuq il-prezunzjoni legali li pater est quem iustaw nuptaie demonstrant. Fil-kaz ta' Kroon versus The Netherlands, il-Qorti Ewropea hadet in konsiderazzjoni li n-nozzjoni ta' familja ma kinitx ristretta biss ghar-relazzjonijiet ibbazati fuq iz-zwieg izda tapplika wkoll ghal de facto family ties ohra fejn il-partijiet ikunu qed jghixu flimkien izda mhux fl-ghaqda taz-***

***zwieg. Huwa fid-dover ta' l-istat li jagixxi b'mod li din ir-relazzjoni tkompli tizviluppa fl-interess ta' l-istess minuri. Ghalhekk l-artikolu 81 tal-Kodici Civili m'ghandux johloq ostakolu ghall-akkoljiment tat-talbiet ta' l-attur.***

Il-Qorti rat illi l-minuri RDC twieldet fis-17 ta' Mejju 2009 u giet registrata bhala bint NC. F'dan iz-zmien NC kien ghadu legalment mizzewweg ma' FC, minkejja li l-intimata FC u NC kienu ilhom *de facto* separati sa mis-sena 2006. Illi jirrizulta li l-intimata FC u r-rikorrenti bdew relazzjoni flimkien u li minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri. Illi sussegwentement, l-intimata FC u l-intimat NC sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 27 ta' Marzu 2018 fl-atti tan-Nutar Dottor Brenda Jane Camilleri.[3]

Illi ghalkemm il-minuri hija registrata bhala bint NC, l-imsemmi m'ghandu l-ebda relazzjoni mal-minuri. Il-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti kien dejjem prezenti fil-hajja ta' bintu bhala missierha sa minn meta twieldet, mantniha u ghadu hekk irabbiha sal-gurnata tal-llum.

Il-Qorti rat ukoll illi mit-testijiet genetici esebiti *a fol 6*, li f'kawzi bhal dawn huma l-prova regina, jirrizulta car illi r-rikorrenti huwa l-missier biologiku tal-minuri. Illi ghalhekk il-parentela tal-minuri giet stabbilita' minghajr ombra ta' dubbju u minn dan isegwi illi t-talbiet tar-rikorrenti huma fondati fil-fatt u fid-dritt, u kwindi ghandhom jigu milqugha.

Fir-rigward tal-kunjom tal-minuri, il-Qorti rat illi ghalkemm il-minuri hija registrata bhala bint NC, il-minuri taf biss lir-rikorrenti bhala missierha. Il-Qorti wara li regghet rat in-nota tar-rikorrenti datata 21 ta' Jannar 2021, li permezz taghha iddikjara ix-xewqa tieghu ta' kunjom il-minuri u cioe' dak li jkun jaqra RDD, u li ma kien hemm l-ebda oggezzjoni mill-kontro-partijiet, u wara li qieset il-fatt li l-minuri dejjem gabet 'D' bhala parti minn isimha, li effettivament huwa kunjom ir-rikorrenti missierha, hija il-fehma konsiderata tal-Qorti, li l-minuri m'hi ser tbati l-ebda pregudizzju il-ghaliex t-tibdil huwa wiehed minimu u hekk ikun rifless in-nisel bijologiku reali taghha.

Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi kunjomha jinbidel ghal 'RDD fuq l-att tat-twelid sabiex jirrifletti l-verita' li hija ilha tghix sa minn mindu twieldet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghaldaqstant:**

[3] Vide kuntratt *a fol 8 et seq.*

1. **Tiddikjara li l-minuri RDC hija effettivament il-wild naturali tar-rikorrent DD;**

2. **Tiddikjara li l-konvenut NC m'huwiex il-missier naturali ta' RDC;**

3. **Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha necessarji fic-Certifikat tat-Twelid ta' RDC liema att ghandu n-numru W sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri fosthom:**

   a. **jbiddel l-kunjom "C" fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" bil-kunjom "D" sabiex jirrispekkja l-kunjom tal-missier naturali;**

   b. **jhassar il-kliem "NC" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Missier it-Tarbija, u minflok inizzel "DD", ihassar il-kliem "the said" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Omm it-Tarbija, ihassar n-numru tal-Karta tal-Identita Maltija "V" fil-kolonna "Id-Dokument ta' l-Identita" relattiv ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel n-numru tal-Karta tal-Identita "X", ihassar n-numru "U" fil-kolonna "Eta'" b'referenza ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel in-numru "X", ihassar l-post "M" fil-kolonna Joqghodu", in kwantu jirrigwarda l-intestat "Missier it-tarbija" u minflok inizzel l-post "SP", ihassar il-kliem "NZC (Alive)" u minflok inizzel il-kliem "MD" (Alive)" fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet".**

**L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluz ir-rikors ghall-awtorizazzjoni, ghandhom jithallsu minn FC.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**